**3 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D. – President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Carmelo Ciantar

## Inkjesta dwar l-*In Genere* – Suġġett Materjali tar-Reat – Strument tar-Reat

*Il-liġi stess, fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali, tiddistingwi bejn is-suġġett materjali tar-reat u l-istrument.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' akkuża numru 57 ta' l-1978 kontra l-akkużat appellant;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat dwar il-provi pprezentata fil-15 ta' Settembru 1983 u li biha eċċepixxa:

1. Illi d-dokument Ċ, batterija esebita mill-Ispettur Joseph Rizzo a fol. 40 tal-proċess, għandu jiġi sfilzat, peress li minkejja li kien hemm l-inkjesta maġisterjali l-oġġett materjali flok għadda għall-konstatazzjonijiet taħt il-Maġistrat, ġie elevat mill-Ispettur u ma ġiex sottomess għall-kontroll tal-Qorti, bi ksur ta' l-artikolu 540(1) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll ta' l-artikolu 541(1);

2. Konsegwentement għandu jkun hemm l-isfilz ta' kull xhieda oħra orali dwar l-istess oġġett, inklużi x-xiehda ta' Abram Grima, Joseph Falzon, Eugenio Aquilina u Antoinette Grima, u ta' l-Ispettur Rizzo u tal-Maġġur 193 Anthony Camilleri, kull fejn dawn jirriferixxu għall-istess batterija;

3. Illi l-Qorti għandha tordna l-isfilz tar-ritratti Dokumenti R1 sa R5, peress li dawn ittieħdu fuq struzzjonijiet ta' P.S.

Francis Stellini (fol. 23);

4. Illi l-Qorti tordna l-isfilz tar-ritratti Dok. R6 u Dok. R7 peress li dawn minkejja l-inkjesta ttieħdu fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur, u minkejja li kienu hemm fl-inkjesta maġisterjali;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-22 ta' Settembru 1983 li biha ċaħdet l-erba' eċċezzjonijiet imsemmija;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u konsegwentement tirrinvija l-proċess quddiem il-Qorti Kriminali għall-kontinwazzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-akkużat ippreżentata fis-26 ta' April, 1988 u dik responsiva ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-20 ta' Mejju, 1988;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi għal skop ta' prattiċità l-aggravji ta' l-appellant ser jiġu riprodotti testwalment kif ingħataw. L-aggravji tiegħu fit-termini tar-rikors jikkonsistu f'dan li ġej:

"L-ewwel Onorabbli Qorti meta għamlet interpretazzjoni u distinzjoni dwar l-oġġetti materjali jew strument illi ntuża fil-kommessjoni tar-reat, ċertament għamlet distinzjoni illi l-liġi effettivament ma riditx għaliex l-interess tal-liġi kien illi l-proċess

investigattiv u ma jitħalliex f'idejn il-pulizija imma illi kollox ikun taħt il-kontroll ta' persuna indipendenti illi hija persuna ġudizzjarja";

"Din kienet assigurazzjoni illi l-liġi riedet tagħti lill-persuna li tkun qed tiġi investigata ħalli ċertament ma jkunux *jistgħu* jiġu mbagħbsa provi";

"Dana jgħodd speċjalment għall-batterija in kwistjoni illi ġiet esebita mill-Ispettur waqt il-kumpilazzjoni meta din kienet diġà teżisti quddiem il-Qorti u l-Ispettur missu anke kif jgħid il-Kodiċi Kriminali, appena nduna b'xi ħaġa, ippresevaħa u ħalla illi l-Maġistrat jagħmel il-kostatazzjonijiet fuqha";

"Illi inutili illi wieħed jipprova jsib sostituzzjoni għal dak illi tgħid il-liġi hawnhekk *si tratta* ta' proċedura kriminali li hija ta' ordni pubbliku u għalhekk m'għandha tiġi bl-ebda mod sostitwita minn interpretazzjoni jew inkella konvenjenza";

"Dan japplika kemm għall-batterija u kemm għar-ritratti";

Illi konsegwentement ix-xhieda illi jidhru fuq l-istess batterija ma jistgħux definittivament jitkellmu fuq l-istess oġġett jew dak li ġie stabbilit bħala eżistenti fuq l-istess *karozza*";

*Ikkunsidrat:*

*Illi* din il-Qorti sejra *tikkonsidra* waħda waħda l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat fl-istess *ordni li* ngħataw u tikkonsidra wkoll s-sottomissjonijiet rilevanti li saru fir-rigward b'dan li qed jiġi osservat minnu issa stess li hemm *diversi* sottomissjonijiet li saru partikolarment dwar il-funzjoni tal-Maġistrat inkwerenti

li huma kompletament irrilevanti għall-każ;

Fl-ewwel lok qiegħed jiġi eċċepit illi l-batterija Dok. "Ċ" flok għaddiet għall-Kostatazzjoni taħt il-Maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta, ġiet elevata mill-Ispettur u ma ġietx sottomessa għall-kontroll tal-Qorti bi ksur ta' l-artikoli 546(1) u 547(1) (ġà 540(1) u 541(1) tal-Kodiċi Kriminali);

Issa bl-ewwel wieħed minn dawn is-subartikoli, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikoli l-oħra ta' l-istess artikolu, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li dwaru għandha ssir kompilazzjoni, u jekk is-suġġett materjali tar-reat għadu jkun jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din għandu jsir aċċess fuq il-post;

L-Ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward osservat id-distinzjoni li l-istess sub-artikolu jagħmel għall-finijiet ta' l-istess artikolu bejn is-suġġett materjali tar-reat u l-istrument. L-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu jissottometti li din id-distinzjoni ma teżistix. Din il-Qorti però ma taqbilx miegħu u dana peress li hu ovvju mill-kliem tas-subartikolu msemmi li d-distinzjoni hija rikjesta d-deskrizzjoni dettaljata indikata fl-istess sub-artikolu mentri għall-istrument dan għandu jiġi biss imsemmi u deskritt il-mod kif dan l-istrument seta' jġib l-effett;

Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-batterija *de quo* ma tistax titqies bħala s-suġġett materjali tar-reat. Lanqas jista' jingħad li kienet l-istrument li bih saret l-allegata serqa u dan għall-istess raġunijiet indikati mill-Ewwel Qorti li din il-Qorti taqbel magħhom. Fil-

fatt l-unika ħaġa li tista' tingħad hija li l-batterija ntużat biex il-karozza *misruqa timxi* aħjar u jekk dan b'xi mod jista' jfisser li kienet *parti mill-istrument tas-serqa*, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti din il-batterija *mhux* biss ġietx identifikata u msemmija fil-proċess *verbal tal-Maġistrat iżda* ġiet anki ffotografata fuq ordni ta' l-istess Maġistrat. *Inoltre* l-mod kif setgħet intużat ġie wkoll deskritt u jirriżulta abbundantament li l-aċċess sar ukoll skond il-liġi;

L-allegazzjoni l-oħra ta' l-akkużat appellant li l-batterija ġiet elevata mill-Ispettur u ma ġietx sottomessa għall-kontroll tal-Qorti fil-fehma ta' din il-Qorti mhix sorretta mill-ebda prova anzi jirriżulta l-kuntrarju. Infatti mhux biss jirriżulta li din il-batterija ġiet murija mill-Ispettur lill-espert fotografu nnominat *mill-Qorti* iżda kif ingħad ġiet iffotografata fuq istruzzjoni tal-Maġistrat. Kwantu għall-fatt li l-istess batterija ma ġietx ikkonsenjata definittivament lill-Maġistrat għandu jiġi osservat li kif ingħad l-istess batterija la kienet is-suġġett materjali tar-reat u lanqas l-istrument u m'hemm xejn fil-liġi li jinponi li f'tali ċirkostanzi oġġett bħal dan għandu jiġi kkonservat mill-Maġistrat ad esklużjoni ta' ħaddieħor;

L-appellant ilmenta wkoll li ma ġiex osservat is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 547 li jistipula illi l-aċċess għandu jsir mill-Maġistrat. F'dan ir-rigward kif sewwa osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti mill-istess proċess verbal jirriżulta li l-Maġistrat *żamm* aċċess dak in-nhar stess u għalhekk ma jidhirx li hemm aktar x'jista' jingħad ħlief li kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti din l-ewwel eċċezzjoni ta' l-akkużat hija infondata;

L-istess jingħad fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni u dan peress li kif osservat l-Ewwel Qorti *tant* hi pedissekwa għall-ewwel

eċċezzjoni li ġà la darba qed tiġi miċħuda t-talba għall-isfilz tal-batterija għandha konsegwentement tiġi miċħuda wkoll it-talba ta' l-eċċepjent biex tiġi sfilzata x-xiehda li ngħatat fuq l-istess batterija;

Kwantu jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni din il-Qorti ma jidhriliex li għandha x'iżżid fuq dak li osservat fir-rigward l-Ewwel Qorti. Tagħmel biss riferenza għal dak li ġie deċiż minnha fis-sentenza tat-12 ta' Jannar, 1988 *in re* Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Raymond Agius *et* fir-rigward ta' nomina ta' periti mill-Maġistrati Inkwirenti. F'dan il-każ jirriżulta mill-proċess verbal li P.C. Aquilina kien ġie nnominat bħala espert fotografu u għalhekk isegwi li r-ritratti li ħa u esibixxa ħadhom in esekuzzjoni tan-nomina tiegħu, kif *del resto* ħalef li għamel;

Kwantu għar-raba' eċċezzjoni din il-Qorti wkoll hi tal-fehma li m'għandhiex x'iżżid fuq dak li osservat fir-rigward l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Infatti rrispettivament minn min seta' indikalu l-batterija P.C. Aquilina ħa r-ritratti Dok. R6 u R7 fuq l-inkariku lilu mogħti mill-Maġistrat u fil-kwalità tiegħu ta' espert fotografu nnominat mill-Qorti u fil-fatt esibihom bħala li ħadhom in esekuzzjoni ta' l-istess inkariku;

Is-sottomissjonijiet l-oħra li saru fir-rigward tal-liġi Ingliża, liġi Kontinentali u dmirijiet u funzjonijiet tal-Maġistrat meta ssir inkejsta huma kollha rrilevanti għall-każ in diżamina *stante* dak li ngħad fuq, u għalhekk mhux il-każ li jiġu kkunsidrati;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost mill-akkużat billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Fl-aħħarnett tibgħat l-atti kollha lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.